

## IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla)  
tat-23 ta' Jannar 2013 — Katrakasas vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-24/11) <sup>(1)</sup>

*(Servizz pubbliku — Kompetizzjonijiet interni COM/INT/OLAF/09/AD 8 u COM/INT/OLAF/09/AD 10 — Ġlieda kontra l-frodi — Eżami mill-ġdid tad-deċiżjoni ta' ammissjoni għall-eżami orali — Eżami mill-ġdid tad-deċiżjoni ta' nuqqas ta' inklużjoni fil-lista ta' riżerva — Eċċezzjoni ta' illegalità tal-avviż ta' kompetizzjoni — Kundizzjonijiet ta' diplomi u ta' esperjenza professjonali — Regola tal-anonimat — Ksur tal-Artikolu 31 tar-Regolamenti tal-Persunal — Użu ħażin ta' poter — Suġġett tal-eżami bil-miktub li jiffavorixxi kategorija ta' kandidati — Aġir ta' membru ta' bord tal-għażla waqt l-eżami orali)*

(2013/C 71/46)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrent: Nicolas Katrakasas (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: L. Levi, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment B. Eggers u P. Pecho, aġenti, sussegwentement B. Eggers, aġent)

### Suġġett

Servizz pubbliku — Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-bord tal-għażla tal-kompetizzjoni li ma jgħix inkluż isem irikorrent fil-lista ta' riżerva fil-kuntest tal-kompetizzjoni COM/INT/OLAF/09/AD8

### Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) N. Katrakasas għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat ibati l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU C 152, 21.5.2011, p. 33.

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla)  
tat-28 ta' Jannar 2013 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni  
Ewropea**

(Kawża F-92/12)

*(Servizz pubbliku — Artikolu 34(1) tar-Regoli tal-Proċedura — Rikors imressaq permezz ta' faks fit-terminu tar-rikors u ffirmat permezz ta' timbru li jirriproduċi l-firma ta' avukat jew permezz ta' metodu ieħor ta' riproduzzjoni — Tardività tar-rikors — Inammissibilità manifesta)*

(2013/C 71/47)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### Partijiet

Rikorrent: Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Suġġett

It-talba għall-annullament tad-deċiżjoni li timplimenta t-tnaqqis fuq l-allowance tal-invalidità tar-rikorrenti sabiex tirkupra s-somma li huwa kien ikkundannat iħallas bħala spejjeż legali mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

### Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- (2) L. Marcuccio għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess.

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla)  
tat-28 ta' Jannar 2013 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-95/12)

*(Servizz pubbliku — Artikolu 34(1) tar-Regoli tal-Proċedura — Rikors imressaq permezz ta' faks fit-terminu tar-rikors u ffirmat permezz ta' timbru li jirriproduċi l-firma ta' avukat jew permezz ta' metodu ieħor ta' riproduzzjoni — Tardività tar-rikors — Inammissibilità manifesta)*

(2013/C 71/48)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### Partijiet

Rikorrent: Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Suġġett

It-talba għall-annullament tad-deċiżjoni li timplimenta t-tnaqqis fuq l-allowance tal-invalidità tar-rikorrent sabiex tiġi rkuprata s-somma ta' EUR 3 000 mħallsa lir-rikorrent sabiex tiġi implementata sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku li kienet, sussegwentement, ġiet annullata mill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

### Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.

(2) *L. Marcuccio għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess.*

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla)  
tat-28 ta' Jannar 2013 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-100/12)

*(Servizz pubbliku — Artikolu 34(1) tar-Regoli tal-Proċedura — Rikors imressaq permezz ta' faks fit-terminu tar-rikors u ffirmit permezz ta' timbru li jirriproduċi l-firma ta' avukat jew permezz ta' metodu ieħor ta' riproduzzjoni — Tardività tar-rikors — Inammissibbiltà manifesta)*

(2013/C 71/49)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrent: Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta li tħallas lir-rikorrent kumpens għal dannu li huwa allegatament sofra minħabba dewmien fil-proċedura għall-irtirar tiegħu skont l-Artikolu 53 tar-Regolamenti tal-Persunal u minħabba l-assenza ta' deċiżjoni rigward l-eventwali oriġini professjonali ta' din il-marda li kienet ir-raġuni għall-irtirar tiegħu.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.*

(2) *L. Marcuccio għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess.*

**Rikors ippreżentat fis-26 ta' Ottubru 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-126/12)

(2013/C 71/50)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: M. Boury, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

Annulament tat-tweġiba għall-ilment li permezz tiegħu r-rikorrent talab, l-ewwel nett, ir-rikonoxximent mill-Kummissjoni li setgħu biss jiġu trażmessi lill-imhalef inkwerenti tat-Tribunal de

première instance de Bruxelles ċerti dokumenti li jinsabu fil-fajl amministrattiv personali tiegħu u, it-tieni nett, il-konstatazzjoni tal-illegalità tal-ħabi mill-imsemmi Tribunal tad-deċiżjoni tat-2 ta' Frar 2001.

**Talbiet tar-rikorrent**

— tannulla t-tweġiba tal-Awtorità tal-Ħatra tal-24 ta' Awwissu 2012 għall-ilment Nru R/367/12;

— tirrikonoxxi l-illegalità tal-ħabi lill-ġustizzja Belġjana tal-fajl amministrattiv personali reali tiegħu, kif ukoll tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tat-2 ta' Frar 2001 u tal-atti kollha marbuta magħha, tad-dokumenti li ntabu lill-Kummissjoni mill-ġustizzja kriminali Belġjana;

— tirrikonoxxi l-illegalità tat-trażmessjoni lit-Tribunal ta' Brussell ta' dokumenti kunfidenzjali prodotti mingħajr l-ebda stħarriġ legali u kontra r-regoli tar-Regolamenti tal-Persunal fi ħdan l-ex Diviżjoni ADMIN B9 responsabbli mill-investigazzjonijiet miftuħa fit-2 ta' Frar 2001 mill-Awtorità tal-Ħatra, bi ksur tar-regoli tar-Regolamenti tal-Persunal;

— tirrikonoxxi l-illegalità tal-intervent fl-investigazzjoni tal-ilment tiegħu quddiem it-Tribunal ta' Brussell u bl-għan li jinholoqlu dannu minn membri tal-persunal tal-Kummissjoni li la kellhom mandat u lanqas kompetenza;

— tirrikonoxxi li matul din il-kawża huwa kien vittma, bħalma kienet il-familja tiegħu, ta' okkorrenzi ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fundamentali tiegħu u li ġarrab danni professjonali, morali u materjali serji li huma diffiċilment reparabbli u li, għalhekk, huwa għandu d-dritt li jikseb kumpens għal dawn l-istess danni.

**Rikors ippreżentat fit-2 ta' Novembru 2012 — ZZ vs Il-Parlament**

(Kawża F-130/12)

(2013/C 71/51)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: B. Cortese u A. Salerno, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew